MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 3.10.2008
SEG(2008) 2595

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-ISTAFF TAL-KUMMISSJONI**

**Dokument li jakkumpanja**

**abbozz ta' proposta**

**għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)**

**Taqsira tal-Istima tal-Impatt**

{COM(2008) 637}
{SEC(2008) 2596}

MT MT

## 1. DAĦLA

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija waħda mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea, li trid tinkiseb permezz tal-politiki kollha tal-Unjoni[1], u l-Pjan tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010)[2] jenfasizza l-ħtieġa għan-nisa u l-irġiel li jipparteċipaw bl-istess mod fis-suq tax-xogħol. L-ugwaljanza bejn is-sessi kienet ukoll l-għan tal-**Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi (SEI)** sa mit-twaqqif tagħha f'Novembru 1997. Il-politiki li jappoġġjaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, privata u familjari, li l-importanza tagħhom issa hija rikonoxxuta b'mod wiesa', saru obbligu ekonomiku hekk kif il-pressjonijiet demografiċi u kompetittivi jenfasizzaw dejjem aktar il-ħtieġa li tkun ottimizzata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, hemm korrelazzjoni pożittiva bejn ir-rati ta' fertilità u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol: l-Istati Membri fejn ir-rati ta' fertilità huma ogħla huma wkoll dawk bl-aktar nisa li jaħdmu.

Il-**Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010)** jistabbilixxi sitt prijoritajiet għall-azzjoni, li l-ewwel waħda minnhom hija l-kisba ta' indipendenza ekonomika ugwali għan-nisa u l-irġiel. Prijorità oħra — ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-ħajja privata u familjari – tikkontribwixxi direttament għal din tal-aħħar.

Il-**Parlament Ewropew** talab b'mod konsistenti biex isir titjib fil-leġiżlazzjoni Komunitarja eżistenti dwar il-liv ta' maternità u paternità[3]: fil-proposti tiegħu ta' Mejju 2008 biex jiġu emendati l-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, dan sejjaħ għall-għoti ta' skemi ta' liv ta' paternità u skemi oħra ta' liv[4].

L-**imsieħba soċjali Ewropej** ukoll għandhom rwol importanti fil-qasam ta' rikonċiljazzjoni. F'Marzu 2005 huma adottaw Qafas ta' Azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'waħda mill-prijoritajiet tkun azzjoni biex tappoġġja l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata.

| |
|---|
| Il-Kummissjoni ħejjiet din l-Istima tal-Impatt fuq il-bażi tal-għażliet leġiżlattivi biex titjieb ir-rikonċiljazzjoni msemmija fil-konsultazzjoni tat-tieni stadju 2007 tal-imsieħba soċjali Ewropej[5]. F'Lulju 2008 l-imsieħba soċjali kkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jibdew il-proċedura ta' negozjati stipulata fl-Artikolu 139 KE dwar reviżjoni tad-direttiva tal-liv ta' paternità. Il-Kummissjoni għaldaqstant naqqset l-ambitu ta' din il-proposta għal liv ta' maternità billi l-imsieħba soċjali kkonfermaw li mhux beħsiebhom ikopru din fin-negozjati tagħhom. Madankollu, l-Istima tal-Impatt tkopri l-għażliet kollha mhux biss dik li tkopri l-emenda tal-kundizzjonijiet għal-liv ta' maternità. |

## 2. EVIDENZA U KONSULTAZZJONI

L-imsieħba soċjali Ewropej ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni f'żewġ stadji fl-2006 u 2007. Bi tweġiba għall-konsultazzjoni tat-tieni stadju, erba' imsieħba soċjali[6] ddeċidew li jwaqqfu

---

1 L-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(2) tat-Trattat tal-KE.
2 COM(2006) 92.
3 Per eżempju, ir-Riżoluzzjoni 2003/2129/(INI), P5_TA(2004)0152), il-punt 26.
4 http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P6-TA-2008-0207+0+DOC+XML+V0//EN&language=EN.
5 http://ec.europa.eu/employment_social/social_dialogue/docs/reconciliation2_en.pdf.
6 ETUC, BUSINESSEUROPE, CEEP u UEAPME.

grupp ta' ħidma konġunt fi ħdan il-kuntest tad-djalogu soċjali Ewropew biex iwettqu reviżjoni tal-ftehim ta' qafas dwar il-liv ta' paternità anness mad-Direttiva 96/34/KE. F'Lulju 2008 huma ddeċidew li jibdew negozjati formali dwar il-liv ta' paternità skont l-Artikolu 138 KE.

F'Diċembru 2007 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri biex jiġbru tagħrif dwar il-leġiżlazzjoni fuq il-forom kollha ta' arranġamenti tal-liv relatati mal-familja u biex issir taf il-fehmiet tagħhom dwar għażliet biex tiġi emendata.

Il-Kumitat Konsultattiv dwar Opportunitajiet Indaqs għan-Nisa u l-Irġiel[7] adotta opinjoni dwar l-introduzzjoni ta' forom ġodda ta' liv (liv ta' paternità, liv għall-adozzjoni u liv għat-tfal) permezz ta' proċedura bil-miktub fit-3 ta' Lulju 2008[8]. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll diversi NGOs Ewropej permezz ta' kwestjonarju dwar il-fehmiet tagħhom rigward għażliet biex tiġi emendata u ssupplimentata l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-arranġamenti tal-liv b'rabta mar-rikonċiljazzjoni.

F'Diċembru 2007 il-Kummissjoni kkummissjonat studju estern mill-Grupp ECORYS dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' għażliet biex jitjiebu d-dispożizzjonijiet għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, il-ħajja privata u familjari[9]. In-Netwerk ta' esperti legali nazzjonali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ppreżenta wkoll rapport rigward il-miżuri nazzjonali dwar id-Drittijiet għat-Tqala, il-Maternità, il-Ġenituri u l-Paternità fl-Istati Membri kif ukoll rapport ta' evalwazzjoni dwar il-miżuri nazzjonali li jikkonċernaw ħinijiet tax-xogħol flessibbli[10].

## 3. QAFAS LEGALI ATTWALI

Żewġ Direttivi jittrattaw il-liv għal raġunijiet ta' familja u drittijiet relatati, jiġifieri d-Direttiva 92/85/KEE[11] (minn hawn 'il quddiem id-'Direttiva dwar il-liv ta' Maternità') u d-Direttiva 96/34/KE[12] (minn hawn 'il quddiem id-'Direttiva dwar il-liv tal-Ġenituri'), li ġew adottati fl-1992 u fl-1996 rispettivament. Dawn jipprovdu għal dritt minimu ta' 14-il ġimgħa ta' liv ta' maternità, imħallas għall-inqas bir-rata tal-liv tal-mard, u għal tliet xhur ta' liv tal-ġenituri mhux imħallas għal kull ġenitur, li jistgħu jiġu trasferiti f'bosta Stati Membri lill-ġenitur l-ieħor. Id-dispożizzjonijiet attwali ma jistabbilixxu la t-tul ta' żmien jew il-kundizzjonijiet preċiżi għal-liv tal-adozzjoni u lanqas id-dritt għal-liv ta' paternità jew il-liv għat-tfal (liv biex wieħed jieħu ħsieb membri dipendenti tal-familja).

Hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini ta' politika dwar l-iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni. Id-dispożizzjonijiet għal-liv ta' maternità jvarjaw bejn wieħed u ieħor bejn 14 u 52 ġimgħa, bi ħlasijiet li jvarjaw bejn 55 % (soġġetti għal limitu) u 100 % (soġġetti għall-ebda limitu). Id-dispożizzjonijiet għal-liv tal-ġenituri jinvolvu dritt għal liv li jvarja bejn tliet xhur u tliet snin. Il-ħlasijiet, fejn jingħataw, isiru għal perjodu ta' bejn 15-il jum u sentejn. Id-dritt għal liv ta' adozzjoni jvarja bejn għaxart ijiem u l-istess perjodu bħal-liv tal-ġenituri. Xi Stati Membri ma jipprovdu għall-ebda ħlas, oħrajn jipprovdu għal ħlas simili għal

---

7 Il-membri jinkludu rappreżentanti tal-Istati Membri, korpi tal-ugwaljanza, imsieħba soċjali u NGOs.

8 http://ec.europa.eu/employment_social/gender_equality/docs/2008/opinion_newforms_en.pdf.

9 http://ec.europa.eu/employment_social/gender_equality/legislation/new_legislation_en.html.

10 Dettalji jinsabu fuq: http://ec.europa.eu/employment_social/gender_equality/legislation/bulletin_en.html.

11 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex iħeġġu titjib fis-sikurezza u s-saħħa fuq ix-xogħol ta' ħaddiema tqal u ħaddiema li jkunu għadhom kif welldu jew ikunu qed ireddgħu (*ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1*).

12 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim ta' qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u l-ETUC (*ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4*).

dak għal-liv tal-ġenituri. F'għadd ta' Stati Membri mhemm l-ebda dritt għal liv ta' paternità. Fejn ikun hemm tali dritt, dan ikopri perjodi bejn jum u għaxart ijiem. F'xi Stati Membri, parti mil-liv tal-ġenituri huwa assenjat għall-missirijiet. Ċerti Stati Membri ma jipprovdu għall-ebda ħlas, oħrajn għal ħlas b'rata fissa li jista' jammonta għal 100 % tal-paga. Xi Stati Membri ma jagħmlu l-ebda dispożizzjoni għal xi dritt għal liv għat-tfal. It-tul ta' żmien ivarja minn jumejn sa għaxart ijiem għal tifel jew tifla marida jew b'diżabilità u f'xi każijiet għal qraba oħra wkoll. F'xi Stati Membri dan il-liv jitħallas bħala somma f'daqqa bir-rata li tapplika għall-mard jew b'rata oħra.

## 3. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-ħtieġa issa hija aċċettata fil-livell tal-UE għal politiki ta' rikonċiljazzjoni biex ikun żgurat li n-nisa u l-irġiel ma jkollhomx bżonn jagħmlu kompromessi bejn li jkollhom ħajja privata, familjari u professjonali sodisfaċenti. Tali politiki jistgħu jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll l-irġiel li jeżerċitaw għażliet reali f'dan il-qasam u, b'mod partikolari, jistgħu jirriżultaw f'rata ogħla ta' impjiegi u rata aktar baxxa ta' qgħad fost in-nisa. Dawn jistgħu wkoll inaqqsu s-segregazzjoni bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u jneħħu d-differenza fil-pagi bejn is-sessi. Madankollu, anki fejn daħlu fis-seħħ diversi arranġamenti ta' xogħol flessibbli biex jappoġġjaw ir-rikonċiljazzjoni, dawn fil-fatt jintużaw ferm aktar min-nisa milli mill-irġiel għal raġunijiet ta' neċessità ekonomika aktar milli b'għażla libera.

Minkejja ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, **id-differenza fil-pagi** baqgħet stabbli għal 15 % mill-2003 għall-2007, u naqset b'punt wieħed biss mill-2000[13]. Din id-differenza fil-pagi hi dovuta sa ċertu punt għall-problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa meta jkunu qed jibbilanċjaw l-obbligi professjonali u privati. Fattur importanti li jinfluwenza l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol huwa d-disponibbiltà tal-kura tat-tfal. Il-faċilitajiet tal-**kura tat-tfal** fl-Istati Membri mhumiex biżżejjed u mhumiex dejjem adattati għall-ħtiġijiet tal-familja[14]. Fid-Danimarka u fil-Portugall biss hemm aktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa ta' kura formali tat-tfal disponibbli għal aktar minn 30 % ta' tfal taħt l-età ta' tliet snin. In-nisa għandhom ukoll ir-responsabbiltà ewlenija li **jieħdu ħsieb l-anzjani**.

L-impatt tat-tfal fuq **il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol** huwa b'saħħtu. B'hekk, ir-rata ta' impjieg għal nisa bi tfal dipendenti fl-2007 kienet biss 65.5 %, meta mqabbla ma' 91.7 % għall-irġiel, differenza ta' aktar minn 26 punt. Fl-2007, ir-rata ta' impjieg ta' nisa li għandhom bejn l-20 u 49 sena naqset b'madwar 12-il punt perċentwali ladarba kellhom it-tfal, filwaqt li dik tal-irġiel żdiedet b'madwar seba' punti. Ir-responsabbiltajiet tal-familja jfissru li n-nisa x'aktarx li jaħdmu **part-time** aktar mill-irġiel. Dan għandu implikazzjonijiet negattivi fuq il-prospetti ta' karriera u s-salarji tagħhom. Barra minn hekk, hemm **diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol** kontra l-ommijiet (u l-missirijiet) li jkollhom tfal żgħar u **l-għadd ta' missirijiet li jieħdu liv tal-ġenituri huwa baxx**. Iżda sakemm l-ommijiet aktar milli l-missirijiet ma jipparteċipawx fid-dinja tax-xogħol meta jkollhom it-tfal u ma jagħmlux użu mid-dispożizzjonijiet tal-liv tal-ġenituri, min iħaddem ġeneralment se jkompli jħares lejn in-nisa bħala inqas impenjati mill-irġiel lejn il-karriera tagħhom u hemm inqas probabbiltà li se jinvesti f'opportunitajiet ta' karriera għan-nisa.

## 4. XENARJU BAŻIKU

13 Definizzjoni użata mill-Eurostat: 'Id-differenza fil-pagi bejn is-sessi tingħata bħala d-differenza bejn il-medja tad-dħul gross fis-siegħa tal-impjegati rġiel imħallsa u l-impjegati nisa mħallsa bħala perċentwali tal-medja tad-dħul gross fis-siegħa tal-impjegati rġiel imħallsa.'

14 Ara r-rapport riċenti *The Provision of Childcare Services* minn Platenga/Remery, 2008.

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ġdida tal-UE, id-Direttivi attwali tal-KE jibqgħu applikabbli u jinżammu l-programmi u l-miri attwali. Xi wħud mill-Istati Membri, iżda mhux kollha, ikollhom dispożizzjonijiet legali nazzjonali dwar miżuri ta' rikonċiljazzjoni aħjar. Il-miri ta' Liżbona se jiġu vvalutati fl-2010 u se jiġu ffissati linji gwida u miri ġodda taħt is-SEI. Il-Pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel se jiskadi fl-2010 iżda l-ħidma tal-imsieħba soċjali Ewropej se tibqa' għaddejja.

Madankollu, se tibqa' differenza kbira fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol min-nisa bit-tfal, meta mqabbla mal-irġiel bit-tfal. L-Istati Membri se jeħtieġu l-parteċipazzjoni ta' aktar nisa fis-suq tax-xogħol, mhux biss biex isolvu l-problemi ta' soċjetà li qed tixjieħ iżda wkoll għall-kompetittività fil-livell globali. Parteċipazzjoni akbar min-nisa hija għalhekk essenzjali. L-Istati Membri jeħtieġu wkoll rata ta' twelid stabbli jekk iridu jlaħħqu mal-isfida demografika. Dawk b'rati għolja ta' impjieg tan-nisa (bħall-Finlandja, l-Iżvezja, id-Danimarka, l-Olanda u r-Renju Unit) għandhom ukoll rati ta' fertilità li huma ferm ogħla mill-medja[15]. Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawk l-Istati Membri għandhom ukoll l-aktar politiki ta' rikonċiljazzjoni effettivi.

## 5. Reazzjonijiet possibbli tal-politika tal-UE

L-għanijiet huma li jiġu indirizzati r-rati ta' impjieg ta' nisa bit-tfal u li jitnaqqsu l-iżbilanċ u d-diskriminazzjoni bejn is-sessi billi jiżdiedu l-possibbiltajiet offruti, jitjiebu l-kundizzjonijiet għat-teħid ta' liv relatat mal-familja u jingħata appoġġ finanzjarju matul il-liv relatat mal-familja.

Kienu meqjusa għadd ta' possibbiltajiet qabel ma ġie konkluż li n-nuqqas ta' azzjoni ma kienx kwistjoni ta' għażla għax il-Kummissjoni stabbiliet faċilitajiet ta' rikonċiljazzjoni aħjar bħala waħda mill-prijoritajiet tagħha fil-Pjan dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-partijiet interessati ewlenin ħeġġewha biex tagħmel aktar f'dan il-qasam. Il-miżuri mhux leġiżlattivi (per eżempju, l-iskambji ta' prassi tajba u l-inizjattivi tal-imsieħba soċjali) se jissoktaw f'kull każ, kif se jagħmlu miżuri oħra biex iżidu r-rata ta' impjieg tan-nisa. L-UE għandha tieħu aktar azzjoni biex tippromwovi l-impjieg tan-nisa u tippermettilhom li jisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal u t-talenti tagħhom. Billi għad hemm diskrepanzi kbar bejn il-ħinijiet tax-xogħol attwali u dawk preferuti, jidher ċar li n-nisa b'mod ġenerali jridu jaħdmu aktar. Hemm għalhekk potenzjal kbir biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xogħol.

Dan naqqas l-għażliet għal dan li ġej: ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell tal-UE, tinxtered il-prassi tajba, jiġu emendati r-regoli dwar il-liv ta' maternità (id-Direttiva 92/85/KEE), jiġu emendati r-regoli tal-liv tal-ġenituri (id-Direttiva 96/34/KE), ikun hemm dispożizzjonijiet aktar speċifiċi għal-liv ta' adozzjoni u jiġu introdotti żewġ forom ġodda ta' liv, il-liv ta' paternità u dak għat-tfal.

## 6. Valutazzjoni tal-għażliet

Kull għażla ġiet ivvalutata f'termini ta' kif din laħqet l-għanijiet u billi ġiet imqabbla max-xenarju bażiku. Ħareġ li l-għażla ta' '<u>ebda azzjoni ġdida</u>' ma ssolvix il-problemi identifikati. L-għażla ta' '<u>tixrid ta' prassi tajba</u>' tkun ta' għajnuna biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-ħajja tax-xogħol u l-ħajja privata.

[15] *Ibid.* p. 18.

Fir-rigward tal-liv ta' maternità, rata ta' ħlas ta' 100 % tas-salarju ta' qabel u żieda ta' erba' ġimgħat fil-liv jagħtu appoġġ sinifikanti u siewi f'termini ta' rikonċiljazzjoni aħjar. L-istess japplika għal klawżola li tipprovdi għal dritt li wieħed jitlob sigħat ta' xogħol flessibbli wara li jkun ġie lura mil-liv ta' maternità. L-għanijiet ikunu ntlaħqu bl-eċċezzjoni tat-tnaqqis tad-differenza bejn in-nisa u l-irġiel li jieħdu liv relatat mal-familja.

Fir-rigward tal-liv tal-ġenituri, tqies li ż-żieda tal-liv tal-ġenituri b'xahar u l-għoti ta' ħlas ta' 66 % tas-salarju ta' qabel jagħtu appoġġ siewi għar-rikonċiljazzjoni jekk iż-żewġ ġenituri jieħdu liv tal-ġenituri ta' mill-inqas xahar. Billi l-liv tal-ġenituri jkun imħallas, dan jagħti lill-missirijiet inċentiv biex jieħdu għall-inqas xahar ta' liv tal-ġenituri, liema dritt inkella jintilef. Id-dispożizzjonijiet ta' din ix-xorta rriżultaw effettivi ħafna fil-pajjiżi Nordiċi.

Fir-rigward tal-liv għall-adozzjoni, l-adattament tad-dispożizzjonijiet, kemm jista' jkun, għal dawk li jirregolaw il-liv tal-ġenituri tqies li hu promettenti għall-istess raġunijiet bħal dawk għall-emendar tal-arranġamenti tal-liv tal-ġenituri.

L-għoti ta' liv ta' paternità li jdum għaxart ijiem tqies partikolarment ta' għajnuna biex iħeġġeġ aktar missirijiet jieħdu l-liv tal-ġenituri. Skont esperjenza preċedenti fi Stati Membri oħra, il-missirijiet se jieħdu biss il-liv relatat mal-familja jekk ir-rata ta' ħlas matul il-liv ta' paternità jkollha rabta mill-qrib mas-salarji tagħhom. Din l-għażla għaldaqstant tipprovdi għal ħlas ugwali għal mill-inqas 66 % tas-salarju.

L-għoti ta' liv għat-tfal li jdum xahar biex wieħed jieħu ħsieb xi membru dipendenti tal-familja (inkluż tfal li għandhom aktar minn tmien snin) tqies utli biex jgħin lin-nisa (jew l-irġiel) biex jibqgħu jaħdmu filwaqt li jieħdu ħsieb xi membru dipendenti tal-familja.

### 7. Konklużjoni

Il-konklużjoni tar-Rapport tal-Istima tal-Impatt hija li l-miżuri legalment vinkolanti fil-livell Komunitarju jkunu l-aħjar strument biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti. It-tibdil, li ġie evalwat, fl-arranġamenti għal-liv ta' maternità u l-liv tal-ġenituri u l-introduzzjoni ta' forom ġodda/oħra ta' liv, flimkien jifformaw sett ta' miżuri utli ħafna biex tinkiseb rikonċiljazzjoni aħjar. Madankollu, billi l-imsieħba soċjali se jinnegozjaw rigward il-liv tal-ġenituri, il-Kummissjoni għandha tibqa' lura milli tressaq proposti dwar il-liv tal-ġenituri u għandha żżomm f'moħħha li n-negozjati tal-imsieħba soċjali jistgħu jkopru l-arranġamenti l-ġodda għal-liv. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-unika miżura fattibbli għalissa hija proposta biex jiġu emendati l-arranġamenti għal-liv ta' maternità.